MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 334/2015

**Paul Busuttil**
**ID 519440(M)**

**Vs**

**Michael Farrugia**
**ID. 62953(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' April, 2015 fejn l-attur talab illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mitt Ewro (€800) rapprezentanti danni sofferti mill-attur wara li l-konvenut ghamel xoghol gewwa 'Safi Flats', Triq ta' Ciantar, Zurrieq, liema xoghol ma kienx skond is-sengha u l-arti bil-konsegwenza li l-attur kellu jqabbad terzi sabiex jirrangaw ix-xoghol li kien ghamel il-konvenut, ghal liema xoghol l-attur hallas is-somma ta' tmien mitt Ewro (€800).

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fil-21 ta' Mejju, 2015 u eccepixxa ' lli fl-ewwel lok, l-azzjoni ta' l-attur hija preskritta bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija neboluza fis-sens li mhuwiex indikat x'inhuma x-xoghol li allegatament ma sarx skond is-sengha u l-arti mill-esponent; u f'dan ir-rigward l-esponent jirriserva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Illi bla pregudizzu ghas-suespost ukoll, jekk l-ilment ta' l-attur jittratta dwar bibien interni l-attur qed jallega li ma sarux ta' qies adegwat da parti ta' l-esponent bhala bennej, sabiex jigi instalalt lift, ghandu jinghad illi l-esponent ghamel il-bibien ezattament bil-qisien u l-pozizzjoni li talbu l-attur. Difficli issa wiehed jifhem kif wara diversi snin l-attur dehrlu li ghandu jallega li dawn il-bibien mhumiex tad-daqs mehtieg, meta ghamel snin shah wara li sar il-bini li fihom ma lmenta xejn dwar dan, b'mod specjali 'a tempo vergine' meta saru x-xogholijiet de quo, u wara li l-istess kellu l-opportunita' li jispezzjona x-xoghol huwa stess b'ghajnejh u seta' facilment jistabilixxi, ad initio, kunsidrat ukoll li din hija kwistjoni ta' kejl, jekk il-bibien de quo humiex tad-daqs mehtieg jew le.

Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat mill-attur huwa esagerat, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-attur, bl-ingunzzjoni tal-attur in subizzjoni.

Din il-kawza tirrigwarda li l-konvenut kien ghamel xoghol ta' bini lil attur. Wara zmien li spiccaw ix-xogholijiet l-attur mar ghand kumpanija tal-lifts u rrizulta illi l-bibien tal-lifts kienu zghar. Il-konvenut ma setax jirrangohom ghax kien ghamel operazzjoni. L-attur ghalhekk kellu jwessa l-bibien liema spizaa telghet ghal tmien mitt ewro (€800).

L-attur ressaq xhieda mill-kumpanija tal-lifts li xehdu u spjegaw x'alterazzjonijiet kellhom isiru. Xehed il-Perit Ivan Zammit li spjega illi mal-agreement kien ghadda kopja tal-pjanta annessa mal-permess pero minbarra din kien ghadda pjanata bil-qisien lil bennej. Pero' spejga mill-ewwel illi dwar qisen tal-bibien tal-lifts kien informa lil attur sabiex ikellem kumpanija tal-lifts halli jidderiguh dwar qisien.

L-attur innifsu xehed u spjega illi kumpanija tal-lifts kellimhom biss fl-ahhar tas-sena 2014 u qabel kien kellem xi tnejn ohra ftit xhur qabel. Pero jispjega illi qabel qatt ma kellem lil hadd u qatt ma ta qisien jew struzzjonijiet peress illi halla f'idejn minn jifhem. Kien ghalhekk illi jirrizulta illi l-bennej inghata qisien hziena mill-attur jew inkella hallew f'idejh u saru l-bibien b'qies zghir. Pero minn imkien ma jirrizulta illi inghata struzzjonijiet li ma obdiex jew qisien li ma mexiex maghhom.

Xehed il-konvenut li 'kkonferma li hu mexa mal-qisien mghotija lilu u li l-attur kien ikun prezenti kuljum u ghalhekk kien jaf x'qed jigri.

It-Tribunal ghalhekk ma jistax isib lil konvenut hati biex ihallas l-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800) li hallas l-attur biex ghamel l-alterazzjonojiet u dan peress illi l-konvenut ma kellu ebda htija f'dawn il-qisien. Zgur illi r-responsabilita li jfittex il-qisien minghand il-kumpanija ma kienetx fuq il-konvenut.

Rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni t-Tribunal jghid illi peress illi l-bennej kien thallas l-ahhar darba fis-sena 2011.

Pero minkejja dan it-Tribunal jichad it-talba attrici peress illi ma giex ippruvat xi nuqqas da parti mill-konvenut.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-attur.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------